MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 366/2009

**Paul Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Swieqi in rapprezentanza ta' l-istess**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-14 ta' April 2009 l-attur ippremetta:

1. Il-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf u sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€23,037.50) rapprezentanti drittijiet dovuti lill-atturi ghal servizz professjonali ta’ periti arkitetti u inginiera civili rezi minnhom in konnessjoni ma’ progett fi Triq G. Bessiera, Triq it-Terz, Triq il-Qantar u Triq il-Keffa, Swieqi kif ukoll spejjez inkorsi mill-istess atturi relatati mal-istess servizzi, liema xogholijiet u spejjez saru fuq talba tal-Kunsill Lokali ta’ Swieqi;
2. Il-konvenuti baqghu ma hallsu l-ammont dovut u dan minkejja diversi sejhiet ghall-hlas.

Ghalhekk talab lill-qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, u sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€23,037.50) rapprezentanti drittijiet dovuti lill-atturi ghal servizz professjonali ta’ periti arkitetti u inginiera civili rezi minnhom in konnessjoni ma’ progett fi Triq G. Bessiera, Triq it-Terz, Triq il-Qantar u Triq il-Keffa, Swieqi kif ukoll spejjez li saru mill-istess atturi.

Il-Kunsill wiegeb (fol. 19) li t-talba tal-atturi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li jissemmew hawn taht:-

1. Il-Kunsill Lokali m’ghandux jitqies legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li l-attur kien inghata l-inkarigu mis-sidien privati tal-art fejn kien qed jigi ppjanta l-izvilupp in kwistjoni u dan kif diga’ gie ribadit mill-istess Kunsill f’korrispendenza.
2. Gie miftiehem li l-ispejjez peritali in konnessjoni mal-applikazzjoni u hrug tal-permessi relattivi u kif ukoll kwalunkwe spejjez li talvolta kienu ser isiru relatati mal-istess permessi, kellhom jigu sopportati mill-istess sidien privati u mhux mill-Kunsill konvenut u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti fil-konfront tal-Kunsill konvenut.
3. In-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju ghaliex ghandhom jirrispondu ghat-talba attrici wkoll is-sidien privati tal-art fejn kien progettat li jsir l-izvilupp in kwistjoni ghaliex huma kienu nvoluti fl-inkarigu li nghata lill-attur.
4. Il-progett in kwistjoni kien mahsub li jsir fuq art li tappartjeni lill-Gvern ta’ Malta u kif ukoll lill-persuni privati u dan f’sehem indiviz bejniethom, anzi sehem il-Gvern huwa naqas minn dak tal-privat ghaliex kellhom sehem ta’ 53% fuq l-istess art. Il-fattura esebita mill-istess attur tirreferi wkoll ghal *“proposed private/public partnership”*.
5. L-ammont reklamat huwa ezagerat fis-sens li d-dritt gie kkalkolat fuq valutazzjoni erroneja tal-binja progettata, ghaliex il-binja kienet ser tigi tiswa

ferm inqas u dan apparti 'l fatt li l-kalkolu gie maghmul fuq bini ipotetiku u mhux fattwali.

6. L-ebda applikazzjoni ma giet prezentata lill-MEPA. Ghalhekk wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni u valutazzjoni fuq l-estensjoni tal-progett li seta' jigi approvat dejjem jekk il-progett kien ser jigi wara kollox approvat.

Permezz ta' sentenza preliminari tat-22 ta' Frar 2013, il-qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni. F'dik is-sentenza l-qorti ikkonkludiet li l-legittimu kontradittur kien il-Kunsill Lokali ta' Swieqi.

Permezz tat-tieni eccezzjoni l-Kunsill Lokali jsostni li l-gudizzju m'huwiex integru, peress li ghat-talba tal-atturi ghandhom iwiegbu wkoll is-sidien privati. Eccezzjoni li ghall-qorti hi inkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni, fejn il-Kunsill ressaq id-difiza li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Fis-sentenza preliminari l-qorti kellha diga' l-opportunita' li tikkonkludi li l-inkarigu lill-perit Paul Camilleri kien inghata mill-Kunsill Lokali. Il-qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza tat-22 ta' Frar 2013. M'hemmx provi li l-perit Camilleri qatt ghamel xi ftehim mas-sidien privati. Dak li setghu ftehemu s-sidien u l-Kunsill Lokali hu *res inter alios acta* ghall-attur. Ghalkemm hu evidenti li dan il-progett kien ser isir mal-privat, b'daqshekk ma jfissirx li l-attur ghandu xi obbligu li jfittex lill-privat ghad-dritt tieghu jew xi parti minnu. Ladarba l-inkarigu rcevieh minghand il-Kunsill konvenut, ghandu kull dritt li jippretendi l-hlas minghandu.

Il-Kunsill isostni li:

(a) Il-hatra tal-attur bhala l-perit tal-progett ma setghet qatt issir ghaliex legalment trid tohrog sejha pubblika ta' tendering. M'hemm l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens. Ghalhekk dan l-argument m'ghandux jigi kkunsidrat. F'kull kaz irrispettivament dwar il-procedura li kellha tigi segwita, il-Kunsill Lokali fittex u nghata s-servizz professjonali minghand il-perit Camilleri. Mela ghandu obbligu li jhallas ghal dak is-servizz.

(b) Il-perit *"…. Abbracja nkarigu lilu moghti minn individwi formati parti mill-kunsill u mhux mill-kunsill……"* (ara nota ta' sottomissjonijiet tat-30 ta' Gunju 2014). Ma nghatat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens. F'kull kaz il-provi juru mod iehor. Tant hu hekk li Paul Abela, li kien is-Sindku fiz-zmien relattiv, xehed: ***"Il-pjanti kienu approvati mill-Kunsill"*** (seduta tas-17 ta' Jannar 2014). Kompla jghid: *"Mistoqsi minn min kellu jithallas il-Perit, nghid ghalija l-kunsill kellu jhallsu"*. Xhud li tressaq mill-Kunsill konvenut.

(c) F'dak iz-zmien il-Kunsill kien jinqeda bis-servizz tal-perit Diether Falzon. B'daqshekk ma jfisser xejn. Il-qorti m'ghandix dubju li kienet decizjoni tal-Kunsill Lokali li jinvolvi lill-perit Camilleri f'dan il-progett. Shansitra sakemm

tlestew il-pjanti kienu ghadhom ma gewx identifikati min kienu s-sidien tal-art li kellha tifforma parti minn dan il-progett. F’dan ir-rigward:

- Bernard Manduca, xhud imressaq mill-Kunsill, qal: *"Nikkonferma li sakemm gew identifikati s-sidien kollha ta’ din il-bicca art privata, kien ghadda zmien u l-perit Camilleri kien diga’ qieghed fix-xena u ahna konna diga ircevejna [bhala] kunsill, il-pjanti"* (seduta tas-17 ta’ Jannar 2014).

- Il-pjanti u *drawings* li ghamel l-attur huma datati Settembru 2002 u fuqhom jinghad li l-klijent hu l-Kunsill Lokali (fol. 125-138). Min-naha l-ohra **f’ittra datata 7 ta’ Marzu 2005** (fol. 64) il-Kunsill Lokali gie nfurmat min huma s-sidien privati tal-art li kellha tkun inkluza fil-progett. Prova li turi z-zmien, bejn wiehed u iehor, li fih gew identifikati s-sidien privati kollha. Dan ikompli jikkonferma kemm ir-relazzjoni guridika tal-attur kienet sa mill-bidunett mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qal ukoll li l-valur tal-progett ma kellux ikun ta’ Lm510,000. Pero’ dwar dan l-ilment ma ressaq l-ebda provi u lanqas talab il-hatra ta’ perit tekniku. Kien biss fin-nota ta’ sottomissjonijiet li argumenta: *"In mankanza ta’ stima alternattiva forsi huwa l-kaz jew li l-qorti tasla ghal cifra aktar gusta arbitrio boni viri jew altrimenti tahtar espert tekniku"*. Fil-fehma tal-qorti t-talba ghal hatra ta’ espert tekniku kellha ssir waqt il-gbir tal-provi u mhux wara li nghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza differita ghas-sentenza. Lanqas mhu l-kaz li l-qorti tasal ghal xi stima fuq bazi ta’ *arbitrio boni viri*. Fl-eccezzjonijiet il-Kunsill qal li *"... l-binja kienet ser tigi tiswa ferm anqas"* (fol. 20). F’dan il-kuntest ma tressqux provi. Mal-affidavit l-attur ipprezenta dokument fejn ta rendikont dwar kif wasal ghac-cifra dwar kemm ser jiswa l-progett. Dwar dak li ddikjara ma sarulu l-ebda domandi. F’dak li qal l-attur ma giex kontradett. Dan apparti li meta wiehed jikkunsidra l-kobor tal-progett u d-daqs tal-art fejn kien mahsub li jsir l-izvilupp, il-qorti ma tikkonkludix li l-attur kien qieghed ifajjar ic-cifri. Inoltre, fil-minuti tal-laqghat tal-Kunsill imkien ma jissemma li l-istima tal-perit Camilleri hi eccessiva.

Issemma wkoll li ma saret l-ebda applikazzjoni mal-MEPA. B’daqshekk ma jfisser xejn. Il-hlas lill-perit li jigi abbandunat minn klijent ma jiddependix mill-hrug ta’ permess ta’ zvilupp mal-MEPA (ara Tariffa K Kap. 12). F’kull kaz l-attur m’ghandu l-ebda htija li l-progett gie abbandunat. L-attur xehed kif kienet saret laqgha ma’ ufficjal tal-MEPA u kellhom *feedback* pozittiv dwar il-progett propost. Il-progett kellu jkun skond id-dizinn u pjanti li hejja l-perit Paul Camilleri. Paul Abela stess ikkonferma li l-Kunsill Lokali kien approva l-pjanti. Mela l-hlas dovut lill-perit Camilleri ghandu jsir fuq dawk il-pjanti.

**Ghal dawn il-motivi tichad il-kumplament tal-eccezzjonjiet tal-Kunsill konvenut u tilqa’ t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-Kunsill Lokali Swieqi ihallsu lill-atturi s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, u sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu**

**(€23,037.50), bl-imghax mid-29 ta' Novembru 2004 (data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2004) u spejjez kontra l-Kunsill**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------